**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Mejju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 885/2013 AF**

**The House Shop Ltd (C4557)**

**vs**

**Michael Fenech u martu Roberta Fenech ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà rikorrenti The House Shop Ltd li ġie ppreżentat fit-13 ta' Settembru 2013, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Permezz ta' skrittura privata datata 22 ta' Gunju 1979 (Dok. "THS.1"), l-awtur tal-konvenuti kien ta l-fond 190, Tower Road, Sliema b'titolu ta' lokazzjoni lis-socjetà esponenti, liema lokazzjoni ghalkemm kienet originarjament ghal hames snin di fermo dekoribbli mill-24 ta' Gunju 1979 u hamsa ohra di rispetto issa qed tigi mgedda minn skadenza ghal ohra *ex lege*.

Skond kif iccertifika l-Inginier Carmel J. Cuschieri (Dokument "THS.2") u skond kif iccertifika wkoll is-Certified

Thermographer Matthew Cauchi (Dokument "THS.3") il-proprjetà mikrija lis-socjetà esponenti soffriet u qieghda kontinwament issofri danni minhabba l-perkolar tal-ilma u ta' ilma ta' drenagg u anke minhabba l-ingress ta' umdità konsegwenza ta' hsarat fl-istruttura tal-bokk li fih qieghda inkorporata l-proprjetà mikrija lis-socjetà esponenti, hsarat fis-sistema tad-drenagg u anke hsarat u xoghol hazin fil-proprjetà soprastanti l-fond mikri lis-socjetà esponenti u fil-kumplament tal-bini li jikkonfina maghha u ghal liema hsarat, xoghol hazin u ta' danni huma unikament responsabbli l-konvenuti, u dana peress illi meta l-istess konvenuti (anke tramite terzi persuni inkarigati minnhom) bnew sulari addizzjonali fil-blokk li fih jinsab il-fond mikri huma ma wettqux ix-xogholijiet skond is-sena u l-arti u kkawzaw hsarat gravi kemm fl-istruttura tal-imsemmi blokk u anke fis-sistema tad-drenagg tal-istess blokk u anke peress illi la l-istruttura tal-imsemmi blokk u lanqas s-sistema tad-drenagg tal-istess blokk ma sarux skond is-sengha jew almenu b'mod li ma jikkagunawx jew jaghtu lok ghal hsarat fil-fond precitat mikri lis-socjetà esponenti.

Minhabba l-precitati hsarat, xoghol hazin u danni li huma responsabbli unikament ghalihom il-konvenuti, u minhabba l-ksur lampanti tal-obbligi tal-istess konvenuti mposti fuqhom ai termini tal-artikolu 1540 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), is-socjetà esponenti sofriet u qieghda ssofri hsarat fil-*fixtures and fittings* fil-fond lokatizju mikri lis-socjetà esponenti u anke danni ohra li jikkomprendu ukoll xogholijiet rimedjali li kellhom u qed ikollhom jigu intraprizi mis-socjetà esponenti, minn telf ta' negozju u anke mid-danni konsegwenzjali relattivi li jikkomprendu fihom ukoll nuqqas ta' qligh u spejjez ohrajn relatati, u dan anke peress illi s-socjetà esponenti ma setghetx tuzufruixxi mill-fond lilha mikri skond il-ligi minhabba tali hsarat, xoghol hazin u danni.

Ghalkemm debitament interpellati sabiex iwettqu x-xogholijiet reparatorji necessarji u sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' dak minnhom dovuti in linea ta' danni, il-konvenuti baqghu ghal kollox inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li minhabba 'l fuq premess is-socjetà esponenti sofriet danni sostanzjali li jikkomprendu fihom ukoll nuqqas ta' qligh u spejjez ohrajn relatati u li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom u li ghlahekk is-socjetà esponenti hija intitolata ghar-rizarciment tal-istess danni u spejjez u ghall-kumpens relattiv minghand il-konvenuti.

2. Tordna, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex, fi zmien qasir u perentorju, jwettqu dawk ix-xogholijiet kollha li huma necessarji bil-ghan li s-socjetà esponenti tkun tista' taghmel mill-fond 190, Tower Road, Sliema l-uzu li ghalih gie originarjament mikri u dawk ix-xogholijiet li jkun hemm bzonn bil-ghan li s-socjetà esponenti ikollha t-tgawdija shiha u bil-kwiet tal-istess fond, ghaz-zmien kollu tal-kiri, u dana a spejjez tal-istess konvenuti jew ta' min minnhom u tordna li, f'kaz li l-konvenuti kellhom ma jezegwixxux tali xogholijiet entro t-terminu lilhom moghti skond it-talba allura li s-socjetà esponenti tkun tista' taghmel tali xogholijiet a spejjez tal-istess konvenuti jew ta' min minnhom.

3. Tillikwida d-danni u spejjez li soffriet is-socjetà esponenti u anke l-kumpens talvolta dovuti lis-socjetà esponenti mill-konvenuti jew minn min minnhom minhabba 'l fuq premess, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn dana l-Bord, ihallsu lis-socjetà esponenti l-konsegwenzjali danni, spejjez u kumpens li jigu hekk likwidati minn dana l-Bord.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest numru 459/2012 tad-9 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet premessi kontra l-konvenuti, minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjetà esponenti kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Michael u Roberta konjuġi Fenech li ġiet ippreżentata fil-11 ta' Ottubru 2013 fejn gie eccepit illi:

L-intimati mhumiex il-legittimi kontraditturi f'dina l-kawza u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez stanti illi l-facilitajiet kollha indikati fir-rikors mahluf u li jaghtu ghax-'shaft' tal-blokk ta' appartamenti sovrastanti l-hanut in kwistjoni huma proprjetà komuni u cioé tas-sidien kollha tal-korp ta' appartamenti in kwistjoni u mhux unikament proprjetà tal-esponenti intimati.

The House Shop Limited digà ghamlu talba simili ghal dik fil-kawza odjerna permezz tal-kontro talba taghhom annessa mar-risposta ghal proceduri pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera – rikors numru 23/2013GG li jinsab differit ghat-18 ta' Ottubru 2013 u li ghalih qeghda hawn issir referenza u ghaldaqstant qeghda hawnhekk tinghata l-eccezzjoni tal-'lis alibi pendens' a tenur tal-artikoli 792 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-procedura odjerna hija ghal kollox frivola u vessatorja u t-talbiet attrici ghandhom jigu ghal kollox respinti bl-ispejjez kontra The House Shop Limited stanti illi dina l-procedura giet intavolata unikament in 'kontro kambju' u minhabba l-proceduri pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-kera fl-ismijiet inversi u cioé 'l fuq imsemmi – rikors numru 23/2013GG – li bihom il-konjugi Fenech qeghdin jitolbu l-izgumbrament tal-atturi f'din il-kawza mill-fond 'de quo' u cioé il-hanut numru 190, Tower Road, Sliema u dana minhabba in 'non uso' da parti tal-istess socjetà tal-fond in kwistjoni ghal perjodu ta' aktar minn sena u nofs billi tbattal u gie abbandunat ghal kollox meta l-intimati (rikorrenti f'dina l-procedura) ittrasferew in-negozju taghhom ghal fond kummercjali gdid u cioé The House Shop, 1, Marina Business Centre, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex.

Dina l-procedura hija wkoll frivola u vessatorja ghaliex qabel ma ntavolaw il-prezenti procedura – u wara ir-rikors fil-Bord li Jirregola l-Kera u r-risposta bil-kontro talba – ir-rikorrenti fil-kawza odjerna kienu pprezentaw il-protest gudizzjarju numru 243/2013 fejn gie allegat dak li qieghed jigi allegat fil-prezenti

proceduri u bil-kontro protest taghhom – u b'mod specjali permezz tar-rapport anness mieghu tas-26 ta' Gunju 2013 mahrug mill-Perit Arkitett Michael Falzon - l-esponenti cahdu l-pretensjonijiet infondati tar-rikorrenti u gie indikat lilhom illi – anki kieku xi darba ezistew – fl-imsemmija data ma kienux ghadhom jezistu. Referenza qeghda hawn ukoll issir ghall-atti tal-protest 243/2013.

Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu ghal kollox michuda peress illi:

a. Ma tezisti l-ebda tip ta' hsara, la kif allegata mir-rikorrenti fir-rikors promotur u lanqas ta' ebda xort'ohra u dana kif jirrizulta ahjar mill-annessi rapport teknici mahruga mill-Perit Arkitett Michael Falzon datati rispettivament il-25 ta' Jannar 2013, id-29 ta' April 2013 u s-26 ta' Gunju 2013 u li qeghdin jigu mmarkati rispettivament bhala Dok. A, B u C. Kif jirrizulta mill-ahhar zewg imsemmija rapporti – Dok. B u C – l-esponenti intimati, minkejja ghall-fatt illi, kif fuq inghad, huma m'humiex il-legittimi kontradditturi, xorta wahda nehhew kwalunkwe dubju li seta' kien hemm fuq xi allegat dannu / possibilità ta' dannu da parti tal-atturi u dana sempliciment sabiex izommu il-paci u il-buon vicinat mal-atturi.

b. Ir-rikorrenti fir-rikors promotur ma soffrew l-ebda tip ta' dannu la "sostanzjali" jew xort'ohra kif allegat fir-rikors ghaliex din hija sempliciment 'messa in scena' da parti taghhom sabiex jippruvaw jiggustifikaw il-fatt illi zammew il-fond mikri lilhom maghluq ghal aktar minn sena u nofs! Ir-raguni vera ghaliex il-fond baqa' battal wara illi huma ittraslokaw ghal fond il-gdid li kien akbar u ahjar mill-fond 'de quo' kien prorju minhabba ir-rigal enormi ta' EUR250,000 li kien qieghed jigi mitlub minnhom lil terzi bhala rikompens ghalihom sabiex ikunu jistghu jissostitwixxu l-istess terzi fil-kirja taghhom tal-fond in kwistjoni. Hawnhekk wiehed ma jistax ma jsemmix ukoll illi illum, wara it-trapass ta' dan iz-zmien kollu u wara l-istituzzjoni tal-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, il-fond 'de quo' qieghed jerga jigi armat mill-istess rikorrenti u dana minkejja l-allegat dannu!

c. Ghal fini ta' kjarezza u minghajr pregudizzju, jinghad ukoll illi l-fond 'de quo' inkera lis-socjetà rikorrenti bil-facilitajiet kollha digà 'in situ' fil-'shaft' ossija bitha komuni u dana jifforma parti mill-korp ta' appartamenti li inbew cirka hamsa u tletin sena ilu. Dawn il-facilitajiet, kif fuq inghad jappartjenu lill-komproprjetarji kollha tal-korp ta' bini in kwistjoni u l-uniku bini li sar da parti tal-esponenti intimati f'din il-procedura hija l-estensjoni li saret circa hmistax-il sena ilu u cioé iz-zewg appartamenti addizzjonali ta' fuq nett tal-istess blokk.

d. Salv eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti skond il-ligi kontra l-House Shop Limited minhabba d-danni digà sofferti u li ghad iridu jsofru l-esponenti minahabba l-agir abbuziv u illegali tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* mogħtija fir-risposta maħlufa għar-rikors promotur, senjatament fil-paragrafu 1b.

Fl-eċċezzjoni (1b) l-intimati jgħidu hekk:

> *"The House Shop diġà għamlu talba simili għal dik fil-kawża odjerna permezz tal-kontro-talba tagħhom annessa mar-risposta għal proċeduri pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera – rikors numru 23/2013GG*[1] *li jinsab differit għat-18 ta' Ottubru 2013 u li għalih qegħda hawn issir referenza u għaldaqstant qegħda hawnhekk tingħata l-eċċezzjoni tal-"lis alibi pendens" a tenur tal-artikoli 792 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta."*

---

[1] L-istess konjuġi Fenech jispjegaw li din hija kawza għal żgumbrament tas-soċjeta` The House Shop Ltd mill-fond in kwistjoni (190, Tower Rd, Sliema) minħabba *non uso* da parti tal-istess soċjeta` tal-fond in kwistjoni għal perjodu ta' aktar minn sena u nofs billi tbattal u ġie abbandunat għal kollox meta ttrasferiet in-negozju.

Huma fil-fatt ippreżentaw kopja tar-risposta bil-kontro-talba[2] ta' The House Shop Ltd li kienet ġiet ippreżentata quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors 23/2013GG fl-ismijiet inversi għal dawk tal-kawża odjerna.

Fil-fatt din il-qorti tosserva li l-erba' talbiet (1-4) mitluba fir-rikors ġuramentat odjern huma prattikament identiċi għat-talbiet 3, 2, 4 u 5 rispettivament mitluba fil-kontro-talba fl-atti tar-rikors 23/2013[3]. Tant hu hekk li jidher li fil-biċċa l-kbira tagħhom sar "*copy and paste*" mill-kontro-talba: saħansitra ir-raba' talba tar-rikors odjern quddiem din il-qorti taqra hekk:

> *"Tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom, sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dana l-**Bord**, jħallsu lis-soċjetà esponenti l-konsegwenzjali danni, spejjeż u kumpens li jiġu hekk likwidati minn dana l-**Bord**." (enfasi ta' din il-qorti)*

Iż-żewġ partijiet ppreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*.

L-intimati Fenech isostnu li bilfors kellhom jagħmlu din l-eċċezzjoni taħt l-Artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostnu li ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jinkwadraw ruħhom fid-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu, u jispjegaw li din l-eċċezzjoni hija rimedju għall-preġudizzju li jista' jinħoloq bil-fatt li jkun hemm proċeduri mexjin paralellament.

L-Artikolu 792 jistipula hekk:

> *"Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra."*

[2] Dok MF1, fol 41-44

[3] Illum quddiem MV, differita 14/03/2016

Huma jagħmlu riferenza għall-insenjamenti li joħorġu mill-ġurisprudenza nostrana fir-riward ta' din l-eċċezzjoni u cioè ghas-sentenza:

Joseph Parnis et vs Raymond Pace et[4] li kien appell li jittratta punt proċedurali dwar jekk setgħetx titqajjem b'suċċess eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* f' kawża minħabba l-pendenza ta' proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li kienu ġew intavolati qabel il-ftuħ tal-kawża. Ġie ritenut li l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* tirrikjedi li jkun hemm "*kawża oħra pendenti u marbuta magħha*" u li l-proċeduri rigwardanti l-mandat ma kinux jikkwalifikaw bħala "kawża" u allura l-eċċezzjoni ma setgħetx tintlaqa'.

Saret referenza ukoll ghas-sentenza Anatoli Reznikov et vs Nikolai A Kotivov pro et nomine[5]
*(nonostante l-kelma "tista'" huwa mandatorju għall-qorti li tiddikjara l-inkompetenza tagħha jekk l-eċċezzjoni hija fondata)*

Hawnhekk ġie ritenut li:

> *"…defendant's plea of lis alibi pendens is such that the court would be precluded from pronouncing itself on the merits if the plea were founded in law, and therefore, before considering the merits of the present action, the court is to adjudge on the said plea. The plea is somewhat parallel with the plea of 'exceptio rei judicatae'. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time" more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue. The effect of the plea of 'litis pendentia' in the words of section 792 of the Code of Organisation and Civil Procedure is that the Court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the First Court. In fact, doctrine and case law in the matter are to the*

---

[4] Joseph Parnis et vs Raymond Pace et, Appell Ċivili Superjuri, 29.04.2005
[5] Anatoli Reznikov et vs Nikolai A Kotivov pen, Qorti tal-Kummerċ, Imħ A Manche, 24.03.1994

*effect that it is in fact mandatory for the Court to declare its own incompetence ex officio if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted therein. The essential conditions for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject matter, and the cause of the demand."*

Fis-sentenza Lawrence Cuschieri vs L-Onorevoli Prim Ministru et[6] kienet saret riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Ġunju 1931 fl-ismijiet "*Carmela vedova Galea vs Filippo Gatt*". Il-mertu kien jittratta fuq ix-xoljiment ta' lokazzjoni minħabba morożità, u l-konvenut kien qajjem l-eċċezzjoni li kien hemm kawża simili bejn l-istess partijiet pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Il-Qorti tal-Appell kienet irriteniet illi:

*"…qualora sia stata fatta precedentemente una domanda per l'oggetto stesso avanti un' altra Corte competente sia rimessa la causa. Tale disposto è manifestamente inapplicabile alla fattispecie, sia perché la giunta non è un tribunale pei fini di detto articolo (804 ta' dak iż-żmien, 792 tal-Kap 12 illum) sia perché essa non è competente giusta quanto è stato superiormente detto cosicche, decisa dai tribunal la questione della competenza, la giunta non potrà procedure oltre, sulla domanda avvanzata."*

Il-Qorti Kostituzzjonali f'Cuschieri vs Onor Prim Ministru kienet irriteniet illi l-fakoltà li xi organu ġudikanti jieqaf mill-mansjonjiet tiegħu ġiet rikonoxxuta u enfasizzata proprju wara li ġie kkreat il-Bord li Jirregola l-Kera. Qalet hekk:

*"It-tranżizzjoni ġrat propju għaliex meta bdiet tirrikorri sitwazzjoni fejn waqt li jkun hemm kawża pendenti quddiem il-Bord u bejn l-istess partijiet fuq l-istess materja jew fuq xi kwistjoni kollaterali, kienet qed issir kawża oħra quddiem il-Qrati ordinarji – ma kienx*

[6] Lawrence Cuschieri vs L-Onorevoli Prim Ministru et, Q. Kost., 12.08.1994

*possibbli li ssir il-konnessjoni tal-kawżi u allura lill-Bord ġiet konċessa l-fakolta` eċċezzjonali li jekk ma jagħżilx li jkompli bil-kawża u jiddeċiedi l-materja kollha huwa, inklużi l-kwistjonijiet kollaterali, seta' jissoprassjedi sakemm ikun hemm deċiżjoni tal-Qrati ordinarji*."

Għalhekk l-intimati odjerni isostnu li "se mai" f' dan il-każ din il-qorti jkollha tissoprassjedi sakemm jiġi deċiż ir-rikors pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

Is-soċjetà rikorrenti tispjega li mill-Artikolu 792 jirriżulta li l-intenzjoni tal-leġiżlatur hija li jiġu evitati l-multiċiplità ta' kawżi quddiem il-qrati li jkunu bejn l-istess persuni u fuq l-istess mertu.

Hija tgħid li l-kwistjoni li għandha tiġi evalwata hawnhekk hija <u>jekk</u>, dejjem assumendo li l-mertu u l-partijiet fiż-żewġ kawżi huma l-istess, il-Bord li Jirregola l-Kera jikkwalifika ruħu bħala "qorti" u għalhekk, f'każ li tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-intimati din il-qorti tista' validament tibgħat l-atti odjerni quddiem dak il-Bord biex iż-żewġ kawżi jiġu trattati flimkien. Hija targumenta li l-Bord li Jirregola l-Kera mhux "qorti" aktar u aktar meta wieħed iqis li l-qrati huma stabbiliti permezz tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u huma mogħtija appuntu l-isem "qrati" mentri l-Bord li Jirregola l-Kera huwa kostitwit permezz tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk għandu funzjoni ġudizzjarja ġie debitament kostitwit bħala "Bord" u mhux bħala "Qorti".

Issostni li l-provvedimenti tal-Artikolu 792 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx għall-każ odjern u li din il-qorti għandha ssib li ż-żewġ kawżi għandhom jibqgħu għaddejjin separatament: waħda quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u din odjerna quddiem din il-qorti.

Konsiderati dawn l-argumenti din il-Qorti qieset fl-ewwel lok, kif diġà ġie osservat *supra* li t-talbiet (1-4) mitluba fir-rikors ġuramentat odjern huma prattikament identiċi għat-talbiet 3, 2, 4 u 5 rispettivament mitluba fil-kontro-talba fl-atti tar-rikors

23/2013GG[7], u għalhekk din il-kawża u l-kontro-talba fl-oħra jirrigwardaw l-istess oġġett. Il-partijiet fil-kawża huma wkoll l-istess.

Tqum il-kwistjoni dwar jekk għandux jiġi fil-fatt applikat l-Artikolu 792 tal-Kap 12 in vista tal-fatt li l-kontro-talba qegħda preżentement tinstema quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u l-kawża odjerna quddiem din il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

Din il-qorti taqbel mal-argument li għamlet is-soċjeta\` rikorrenti u cioè illi l-provvedimenti tal-Artikolu 792 mhux applikabbli fiċ-ċirkostanzi partikolari in vista tal-fatt li non si tratta ta' żewġ qrati iżda ta' "Bord" u "Qorti". Fil-fehma ta' din il-qorti kemm dan l-artikolu mhux applikabbli meta l-kawżi fuq l-istess oġġett ma jkunux it-tnejn pendenti quddiem "qrati", joħroġ ukoll mill-fatt li huwa illoġiku għall-aħħar li kawżi fuq l-istess oġġett li huma pendenti quddiem qorti u bord jinstemgħu quddiem bord, sempliċiment għaliex l-ewwel kawża tkun infetħet quddiem il-bord.

L-intimati fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom irreferew għas-sentenza "Cuschieri vs Onor Prim Ministru" (*vide supra*) u abbażi tal-insenjament tagħha jsostnu li jekk din il-qorti (bħala t-tieni qorti) ma tiddisponix għal kollox mill-kawża li għandha quddiemha, se mai għandha tissoprassjedi sakemm jiġi deċiż ir-rikors pendenti (cioé il-kontro-talba) quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Iżda dak li fil-fatt kienet qegħda tgħid il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ċitata kien proprju l-kuntrarju. Hija kienet qed tgħid illi f' każijiet fejn il-kawżi bl-istess oġġett ikunu qed jinstemgħu waħda quddiem il-Bord u l-oħra quddiem qorti u għalhekk ma kienx possibbli li ssir il-konnessjoni tal-kawżi, allura ġiet konċessa lill-Bord il-fakultà eċċezzjonali li jekk ma jagħżilx li jkompli bil-kawża u jiddeċiedi l-materja kollha huwa, seta' jissoprassjedi sakemm tinqata' l-kawża li qed tinstema quddiem il-qorti. Għalhekk se mai jekk għandha ssir xi soprasessjoni żgur mhux il-każ li ssir minn din il-qorti.

[7] Illum quddiem MV, differita 14/03/2016

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din is-sentenza preliminari billi tiċħad l-eċċezzjoni (1b) tal-intimati.

L-ispejjeż jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG